MUR GIB IL-KAVALLIERI

Kif ġie li għidna f'artikoli oħra, l-Ordni ta' San Gwann ta' Gerusalemm, jew, kif isi-ħuh illum, l-Ordni ta' Malta, kien kompost m nn 8 Lingwi. Meta l-Kavallieri ta' dak l-Ordni daħlu hawn Malta, fl-1530, huma marru jgħammru l-Birgu, fejn bdew jibnu l-Auberges jew il-Bereġ tagħhom.

Meta nbniet il-Belt il-Gdida, imsejħa Valletta għall-Granmastru La Valette li ddeċieda l-bini tagħha, il-Kavallieri malajr ħasbu li jibnu palazzi oħra għal kull Lingwa f'dik il-Belt. Il-Kavallieri Taljani bnew l-Auberge d'Italie, li hi l-Berġa fejn illum hemm l-Uffiċċju Generali tal-Posta.

Minn Mons. A. Bonnici

Il-Berġa tal-Italja nbniet fuq il-pjanti tal-magħruf arkitett malti Girolamo Cassar, fis-sena 1574. Iżjed 'il quddiem, sar xi tibdil fil-bini. Diffiċli tgħid liema hi l-parti oriġinali u liema hi dik aktar reċenti. Sir Temi Zammit jgħid li, għall-ewwel, il-Berġa ta' l-Italja kien "bini modest", li mbagħad tkabbar fi żmien il-Grammastru Carafa, li fis-sena 1683 qiegħed fuq il-bieb ewlieni tagħha l-bust tal-bronż bix-xbiha tiegħu, b'skrizzjoni u ornamenti oħra (armi tal-gwerra) ta' rħam, kif wieħed għadu jista' jara sal-lum.

Il-bini kif inhu llum jitħaddan bejn Triq Merkanti Triq Brittanja, Triq Zakkarija u l-Knisja ta' Santa Katerina. Din tissejjaħ d'Italia, għaliex kienet il-knisja ta' dik il-Lingwa. Il-limti tal-bini huma mmarkati b'pilastri imsejħin "bunji" fl-kantunieri tat-triegat li semmejna u bejn il-palazz u l-knisja.

IL-PROSPETTIVA

Il-Berġa għandha faċċata sabieħa, b'bieb kbir, fuqu l-bust ta' Carafa u ornamenti oħra li semmejna. Ma'-ġnub tal-bieb jitilgħu pilastri oħra bħal bunji tal-kantunieri. Ma' kull naħa tal-bieb hemm 3 twieqi li, għalkemm mhux imbegħdin minn xulxin xorta waħda, iżommu bejnithom ċertu ritmu u simmetrija.

Il-faċċata turi li hemm 3 sulari: is-sular t'isfel, li hu l-pjan nobbli, is-sular tan-nofs, li jissejjaħ "il-mezzanin", u s-sular ta' fuq, li hu għoli bħal dak t'isfel. It-twieqi tat-3 sulari iżommu l-istess distanzi simmetriċi ma' dawk ta' taħt.

Bejn il-mezzanin u s-sular ta' fuq igħaddi gwarniċjun li jaqsam il-bini fi tnejn. Quentin Hughes jgħid, u jiena naħseb li għandu raġun, li l-palazz kif iddisinjah Cassar kien il-pjan nobbli u l-mezzainn, u li Carafa żied il-pjan ta' fuq. Isostni hekk, l-ewwelnett, għaliex il-gwarniċjun ta' fuq il-mezzanin jasal sat-truf ta' barra tal-pilastri u juri b'hekk li hemm kien jispiċċa l-bini; fit-tieni lok, għaliex il-bieb ewlieni, ukoll bi-ornament li żdiedulu fuqu, għadu jidher sproporzjonat (ċkejken) għall-għoli tal-bini tat-tliet sulari.

Barra minn dan, biex titla' fuq, trid tgħaddi minn taraġ dejjaq sinjal ċar li dak it-taraġ ma kienx maħsub biex titla' minnu għall-pjan kbir bħalma hu t-tielet pjan. Dan juri, jgħid Quentin Hughes, li t-tkabbir ta' Carafa kien vertikal (il-fuq) u mhux orizzontali (fil-ġnub).

IT-TIELET SULAR

Il-kmamar kbar li naraw kif nidħlu fil-palazz jidhru li kienu kmamar għall-abitazzjoni u għall-uffiċċji u mhux stallel jew storijiet, għax għal dawn kien hemm il-pjanterren fi Triq Zakkarija. Dawn il-kmamar idu-ru ma' bitħa mdaqqsa, kważi kwadra, (54 x 51 pied), li fuqhom hemm il-kmamar tal-mezzanin. F'nofs il-bitħa hemm ġibjun b'arkata kbira fuqu, li magħha hemm l-arma ta' Carafa u fuqha statwetta ta' S. Katerina. Fl-istess bitħa wieħed jista' jara xi fdalijiet u skrizzjonijiet tal-qedem.

Is-sular ta' fuqnett jinfirex ma' Triq Merkanti u biċċa minn Triq Brittanja. Minn ġewwa jħares fuq il-bitħa u l-gallerija tal-mezzanin. Fih kmamar kbar li jinfdu ma' xulxin. It-twieqi ta' das-sular min-naħa ta' ġewwa ma jaqblux ma' dawk ta' taħt — prova oħra li hu żieda posterjuri.

Fi żmien il-gwerra tal-aħħar il-bini sofra ħsarat, speċjalment fil-kantuniera li hemm man-naħa tal-Knisja ta' San Gakbu.

X'GHADDA MINNHA DIK IL-BERGA?

X'użijiet saru minn din il-Berġa tal-Italja? Fiha kienu jgħixu, jieklu u jorqdu l-Kavallieri Taljani. U hawn qed inġib quddiem għajnejja lill-Fra Gregorju Carafa. Kien għadu Ammiral tal-Flotta ta'-Ordni, qed iħejji l-pjan biex iħebb għat-Torok f'Kostantinopli, qabel rebaħ il-battalja tad-Dardanelli. Wieħed jista' jara bassoriljev tagħha fid-dahar tal-monument tiegħu f'San Gwann; u qiegħed jeżamina l-pjanta għat-tkabbir ta' dak l-istess palazz. U nistħajlu jitgħaxxaq u jiddandan quddiem il-bust li kienu ser itellgħu fuq il-bieb il-Berġa. B'liema għafsa ta' qalb ħallew dak il-post il-Kavallier, meta ġew imkeċċijja min-Napuljum fl-1798.

Fi żmien l-Ingliż il-Berġa tal-Italja bdiet tintuża għall-uffiċċji governattivi. Nafu li fl-1838 il-Gvernatur Bouverie ried jibdel parti minnha fi knisja għall-Protestanti. Iżda dak il-ħsieb ma rnexxiex u flok kappella, tqegħdet fiha Tarzna Civili (Civil Arsenal), post fejn jissewwew l-armi. Kien hemm ukoll fiha l-uffiċċju tax-xogħlijiet taċ-Chief Engineer,(li kien jaħseb għat-tiswir ta' triegat li għadhom sallum imsejħa "tal-Inġinier".

ISSERVI BHALA MUZEW

Fis-sena 1925, il-Mużew Nazzjonali, li jiena niftakar f'dar quddiem San Gwann, ittieħed f'dik il-Berġa. Allura kien għadu Direttur u Kuratur tal-Mużew Sir Temi Zammit, bniedem li għamel unur lil Malta fost il-barranin.

Wara Sir Temi sar Direttur tal-Mużew il-Perit Karmnu Rizzo, arkeologu u ġeologu, li għamel studji interessanti dwar l-għamla tal-bosta strati fil-Gżira tagħna, u xogħolijiet kbar għat-tiftix tal-ilma. Malmewt tiegħu fl-1938, Sir Hannibal Scicluna nħatar Aġent Direttur tal-Mużew. Kien fi żmienu li nqalgħet il-Gwerra l-Kbira, li mħabba fiha ħafna mill-oġġetti tal-Mużew kellhom jingarru f'mkejjen iżjed żguri mill-Belt. Hemmhekk baqa' biss l-Uffiċċju tad-Direttur. Kemm turisti daħlu jaraw hemm l-oġġetti tal-qedem li l-aktar jagħmlu Malta magħrufa.

Wara l-Gwerra u fiż-żmien li laħaq Direttur Dottor Baldacchino, studjuż tal-arti u tal-arkeoloġija, il-Mużew ittieħed fil-Berġa ta' Provenza fi Triq Irjali u, minn floku, daħlet fil-Berġa tal-Italja l-Qorti Superjuri, għaliex il-Berġa ta' Alvernja (fejn kienu il-Qrati) twaqqgħet b'bomba tal-għadu. U din damet hawn sakemm nbniet il-Qorti l-Gdida fejn kienet qabel — bini modern, spazjuż u sabiħ.

Naħseb li iżjed li rat nies fiha l-Berġa tal-Italja kien fi żmien li kienet Qorti. Kemm nies ħatja u kemm nies innoċenti; kemm ġeljidin u kemm ġwejdin; kemm rebbieħa u kemm telliefa rifsu l-għadba żonqrija tagħha! Kemm-il darba daħlu u ħarġu minnha bittomna f'rashom u bil-gravità ta' xi erqa għall-kariga għolja u delikata tagħhom l-Imħallfin tal-Maestà Tagħha. Kemm avukati daħlu hemm biex jagħtu l-parir u jiddefendu lill-klijenti tagħhom u ħarġu ferħanin wara rebħa ta' xi kawża kbira. Kemm ikkundannati ħarġu minn'hemm b'sentenza għall-ħabs, li fors bidlitilhom ħajjithom, jew forsi webbsithom aktar fil-ħażen!

U llum? Illum, wara li l-Qorti marret f'postha, il-Gvern ġarr hawnhekk l-Uffiċċju Generali tal-Posta u xi uffiċċji oħra Governattivi, bħal dawk tat-Telefon u tal-Ilma u Dawl. Dawn huma uffiċċji li jiġbdu ħafna nies minħabba l-impustar ta' ittri u pakketti u l-ħlas tal-kontijiet tat-telefon, tal-elettriku u tal-ilma. Għalhekk, x'ħin tkun dieħel, aktarx li tara wċuħ mqarrsin, jew għax ikunu ħallsu xi kont iebes li ma kienux jistennew, jew għax ikunu ilhom hemm jistennew għal żmien twil biex ħallsu d-dejn tagħhom, u mhux l-ewwel darba tismagħhom igergru huma u ħerġin: "Titlef nofs ta' nhar biex tħallas kont". Mur ġib il-Kavallieri taljani jaraw lil dawk in-nies deħlin u ħerġin f'dak il-palazz li kien riservat għalihom!